Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2639

10.10.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2639

tad-9 ta' Ottubru 2024

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rwoli u l-kompiti tal-punti ta' kuntatt nazzjonali uniċi tas-Sistema tat-Twissija Rapida "Safety Gate"

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(2), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2023/988 jipprevedi li s-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" hija s-sistema ta' twissija rapida għall-iskambju ta' informazzjoni dwar miżuri korrettivi li jikkonċernaw prodotti perikolużi. Sabiex jiġi żgurat fluss ta' informazzjoni effiċjenti u funzjonament xieraq tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate", skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2023/988, kull Stat Membru għandu jiddeżinja punt ta' kuntatt nazzjonali uniku għas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" ("il-punt ta' kuntatt ta' Safety Gate"). Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2023/988, il-punt ta' kuntatt ta' Safety Gate għandu jkun tal-anqas responsabbli għall-verifika tal-kompletezza tan-notifiki ppreżentati għall-validazzjoni lill-Kummissjoni, kif ukoll għall-komunikazzjoni mal-Kummissjoni fir-rigward tal-kompiti previsti fl-Artikolu 26(1) sa (6) ta' dak ir-Regolament. Id-deżinjazzjoni tal-Punt ta' kuntatt nazzjonali ta' Safety Gate jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistema ta' sorveljanza tas-suq tagħhom.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/417 ([2]) iffissat linji gwida għall-ġestjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni Rapida tal-Unjoni Ewropea ("RAPEX") stabbilita skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li tħassret. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni pprevediet il-kompiti tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-RAPEX, inklużi l-kompiti li jorganizzaw u jmexxu l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, li jiżguraw li l-kompiti kollha jitwettqu b'mod korrett u, b'mod partikolari, li l-informazzjoni kollha meħtieġa tingħata lill-Kummissjoni mingħajr dewmien jew li jikkoordinaw l-attivitajiet u l-inizjattivi nazzjonali kollha mwettqa fir-rigward tas-sistema. Minħabba l-esperjenza tajba bil-funzjonament tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-RAPEX, ir-rwoli u l-kompiti tal-punti ta' kuntatt ta' Safety Gate jenħtieġ li jinkludu, sa fejn ikun xieraq, ir-rwoli u l-kompiti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/417.

(3) Sabiex jiġi żgurat il-fluss effiċjenti ta' informazzjoni bejn il-punt ta' kuntatt ta' Safety Gate u d-diversi awtoritajiet li jipparteċipaw fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" fi Stat Membru partikolari, il-punt ta' kuntatt ta' Safety Gate jenħtieġ li jorganizza u jmexxi l-ħidma tan-network tagħhom tal-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw is-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" ("Network Nazzjonali Safety Gate").

(4) F'konformità mal-kompiti eżistenti tagħhom skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/417 u biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" u l-konsistenza fl-informazzjoni sottomessa, il-punti ta' kuntatt ta' Safety Gate jenħtieġ li jħarrġu u jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali fl-użu tagħhom tas-sistema.

([1]) ĠU L 135, 23.5.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/988/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/417 tat-8 ta' Novembru 2018 li tiffissa linji gwida għall-ġestjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni Rapida tal-Unjoni Ewropea "RAPEX" stabbilita skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u s-sistema ta' notifika tagħha (ĠU L 73, 15.3.2019, p. 121, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/417/oj).

([3]) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/95/oj).

(5) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tan-notifiki fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate", il-punti ta' kuntatt ta' Safety Gate jenħtieġ li jivverifikaw, bl-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali jekk rilevanti, qabel ma jissottomettu notifika, jekk tkunx ġiet notifikata diġà miżura dwar il-prodott fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

(6) Il-Product Safety eSurveillance Webcrawler, applikazzjoni tal-IT żviluppata u ġestita mill-Kummissjoni, għandha l-għan li tidentifika prodotti li ġew notifikati fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" u li għadhom jinbiegħu jew jerġgħu jidhru fil-ħwienet tal-web u fis-swieq online. Sabiex tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza tas-suq online, l-użu tagħha jenħtieġ li jiġi promoss b'mod wiesa', fejn applikabbli flimkien ma' għodod simili oħra użati mill-awtoritajiet.

(7) Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali jaġixxu bħala kontrolluri konġunti għall-ipproċessar tad-*data* fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati r-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' kull kontrollur konġunt.

(8) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data tar-Regolament (UE) 2023/988.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2023/988,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rwoli u l-kompiti tal-punti ta' kuntatt nazzjonali uniċi skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2023/988 ("punti ta' kuntatt ta' Safety Gate") għandhom ikunu li:

(a) jivverifikaw u jivvalidaw il-kompletezza tan-notifika li tasal mingħand awtoritajiet nazzjonali oħra fl-Istat Membru tagħhom qabel it-trażmissjoni tagħha lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2023/988;

(b) jivverifikaw, qabel ma jissottomettu notifika permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate", jekk prodott soġġett għal dik in-notifika jkunx diġà ġie notifikat f'dik is-Sistema, u jekk dan ikun il-każ, u fejn hu xieraq, bil-kooperazzjoni tal-awtorità nazzjonali rilevanti, minflok, jissottomettu notifika ta' segwitu f'konformità mal-Artikolu 26(7) tar-Regolament (UE) 2023/988;

(c) jiżguraw li n-notifiki ta' Stati Membri oħra, li ġew ivvalidati mill-Kummissjoni, fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" jilħqu lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inklużi l-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni, fl-Istat Membru tagħhom biex jiżguraw segwitu xieraq fil-livell nazzjonali;

(d) jippromwovu l-użu tal-Product Safety eSurveillance Webcrawler, u jekk rilevanti għodod simili oħra, fl-Istat Membru tagħhom, u b'mod partikolari s-segwitu tar-riżultati rilevanti tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali;

(e) iħarrġu u jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali kollha fl-użu tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(f) jiffaċilitaw li fl-Istat Membru tagħhom il-kompiti relatati mas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2023/988 u mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-27 ta' Awwissu 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli dwar l-aċċess għal u t-tħaddim tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate", l-informazzjoni li għandha tiddaħħal f'dik is-Sistema, ir-rekwiżiti ta' notifika u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-livell ta' riskju ([6]) jitwettqu u, b'mod partikolari, li l-informazzjoni kollha meħtieġa tingħata lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/988;

(g) jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni rilevanti għas-sikurezza tal-prodotti ma' punti ta' kuntatt oħra ta' Safety Gate, u jipparteċipaw f'diskussjonijiet bejn il-punti ta' kuntatt ta' Safety Gate kkoordinati mill-Kummissjoni;

(h) jiskambjaw informazzjoni rilevanti għas-sikurezza tal-prodotti fil-livell nazzjonali mal-awtorità li hija membru tan-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur imsemmi fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2023/988, meta tkun awtorità differenti mill-punt ta' kuntatt ta' Safety Gate;

(i) jiskambjaw informazzjoni rilevanti għas-sikurezza tal-prodotti fil-livell nazzjonali mal-uffiċċju uniku ta' kollegament maħtur skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) u l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2023/988, meta jkun awtorità differenti mill-punt ta' kuntatt ta' Safety Gate;

(j) jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe problema teknika bil-funzjonament tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

(k) jimmaniġġjaw it-talbiet għall-aċċess għall-applikazzjonijiet marbutin mas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" mill-utenti fin-Network Nazzjonali Safety Gate tagħhom, u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fil-persunal li taffettwa d-drittijiet ta' aċċess;

(l) iwieġbu t-talbiet relatati mat-tħaddim tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" fl-Istati Membri tagħhom mill-partijiet ikkonċernati, inklużi l-operaturi ekonomiċi u l-fornituri tas-swieq online;

(m) fejn xieraq, jikkollaboraw mal-awtorità fl-Istat Membru tagħhom li ssottomettiet in-notifika rilevanti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate", dwar kwalunkwe informazzjoni supplimentari li tista' titqies li tista' tiżdied man-notifika, fuq talbiet tal-operaturi ekonomiċi jew tal-fornituri tas-swieq online, b'mod partikolari meta dawk in-negozji jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv min-natura mhux kompluta ta' notifika fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

Artikolu 2

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali li jaġixxu bħala kontrolluri konġunti għall-ipproċessar tad-*data* fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għandu jkollhom ir-rwoli u l-kompiti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([6]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1020/oj).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-13 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

KONTROLL KONĠUNT TAS-SISTEMA TA' TWISSIJA RAPIDA "SAFETY GATE"

1. SUĠĠETT U DESKRIZZJONI TAL-IPPROĊESSAR

Is-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" hija sistema ta' notifika mħaddma mill-Kummissjoni maħsuba għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, it-tliet stati taż-Żona Ekonomika Ewropea/tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (ŻEE/EFTA) (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) u l-Kummissjoni dwar miżuri meħuda kontra prodotti perikolużi li jinsabu fis-suq tal-Unjoni u/jew taż-ŻEE/tal-EFTA.

L-għan tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" huwa li tippermetti l-iskambju rapidu ta' informazzjoni dwar il-miżuri korrettivi meħuda fl-Unjoni fir-rigward ta' prodotti li jippreżentaw riskju.

L-iskambju ta' informazzjoni jikkonċerna miżuri korrettivi meħuda fir-rigward ta' prodotti perikolużi għall-konsumatur u professjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2023/988 jew (UE) 2019/1020.

Is-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" tkopri kemm il-miżuri ordnati mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll il-miżuri meħuda b'mod volontarju mill-operaturi ekonomiċi.

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONTROLL KONĠUNT

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jaġixxu bħala kontrolluri konġunti ("Kontrolluri Konġunti") għall-ipproċessar tad-*data* fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate". "Awtoritajiet nazzjonali" tirreferi għall-awtoritajiet kollha li jaġixxu fuq is-sikurezza tal-prodotti fl-Istati Membri u/jew fil-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE u li jipparteċipaw fin-network tal-UE tal-punti ta' kuntatt ta' Safety Gate, inklużi l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti tas-sikurezza u l-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni.

Għall-finijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 u tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-attivitajiet ta' pproċessar li ġejjin għandhom jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Kummissjoni bħala kontrollur konġunt tad-*data* personali:

(1) L-ipproċessar mill-Kummissjoni ta' informazzjoni dwar miżuri meħuda kontra prodotti li joħolqu riskji serji, importati jew esportati mill-Unjoni u miż-Żona Ekonomika Ewropea, sabiex tittrażmettiha lill-punti ta' kuntatt ta' tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" ("punti ta' kuntatt ta' Safety Gate").

(2) L-ipproċessar mill-Kummissjoni ta' informazzjoni li tirċievi minn pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, negozji jew sistemi oħra ta' twissija rapida dwar prodotti ta' oriġini tal-UE u mhux tal-UE li joħolqu riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, sabiex tittrażmetti tali informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali.

Meta twettaq dawn l-attivitajiet, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità mal-obbligi u l-kundizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1725.

L-attivitajiet ta' pproċessar li ġejjin għandhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, bħala Kontrolluri Konġunti tad-*data* personali:

(1) L-ipproċessar mill-awtoritajiet nazzjonali ta' informazzjoni skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2023/988 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti u l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020 sabiex tali informazzjoni tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra u lill-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE;

(2) L-ipproċessar mill-awtoritajiet nazzjonali ta' informazzjoni wara l-attivitajiet ta' segwitu tagħhom fir-rigward tan-notifiki tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" sabiex jinnotifikaw tali informazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra u lill-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE.

Meta jwettqu dawn l-attivitajiet, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw il-konformità mal-obbligi u l-kundizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) 2016/679.

3. RESPONSABBILTAJIET, RWOLI U RELAZZJONI TAL-KONTROLLURI KONĠUNTI MAS-SUĠĠETTI TAD-*DATA*

3.1. **Kategoriji ta' suġġetti tad-*data* u *data* personali**

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jipproċessaw b'mod konġunt il-kategoriji ta' *data* personali li ġejjin:

(a) Dettalji ta' kuntatt tal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

Id-*data* li ġejja tista' tiġi pproċessata:

— l-isem tal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— il-kunjom tal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— l-indirizz tal-posta elettronika tal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— il-pajjiż tal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— il-lingwa ppreferuta tal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

(b) Id-dettalji ta' kuntatt tal-awturi u tal-validaturi tan-notifiki u r-reazzjonijiet ippreżentati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

Dawn l-awturi u l-validaturi jinkludu:

— Punti ta' kuntatt ta' Safety Gate u spetturi mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u tal-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE jew mill-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni, li huma involuti fil-proċedura ta' notifika

— il-persunal tal-Kummissjoni bħal uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali, trainees u fornituri esterni tas-servizzi.

Id-*data* li ġejja tista' tiġi pproċessata:

— l-isem tal-awturi u tal-validaturi tan-notifiki u r-reazzjonijiet ippreżentati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— il-kunjom tal-awturi u tal-validaturi tan-notifiki u r-reazzjonijiet ippreżentati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— l-isem tal-awtorità li toħroġ jew tivvalida n-notifiki u r-reazzjonijiet ippreżentati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— l-indirizz tal-awtorità li toħroġ jew tivvalida n-notifiki u r-reazzjonijiet ippreżentati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— l-indirizz tal-posta elettronika tal-awturi u l-validaturi tan-notifiki u r-reazzjonijiet ippreżentati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— in-numru tat-telefown tal-awturi u tal-validaturi tan-notifiki u r-reazzjonijiet ippreżentati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

(c) Barra minn hekk, żewġ tipi ta' *data* personali jistgħu jiġu inklużi fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" b'mod aċċessorju:

(i) Meta jkun meħtieġ biex jiġu ttraċċati prodotti perikoluži, kif definit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2023/988, id-dettalji ta' kuntatt tal-operaturi ekonomiċi jista' jkun fihom *data* personali li se tiġi inkluża fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate". Tali *data* tiddaħħal fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" mill-awtoritajiet nazzjonali biss, abbażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni tagħhom. Id-*data* li ġejja tista' tiġi pproċessata:

— l-isem tal-operaturi ekonomiċi;

— l-indirizz tal-operaturi ekonomiċi;

— il-belt tal-operaturi ekonomiċi;

— il-pajjiż tal-operaturi ekonomiċi;

— l-informazzjoni ta' kuntatt tal-operaturi ekonomiċi ([1]);

([1]) Dan il-qasam jista' jirreferi għall-persuna fiżika li tirrappreżenta lill-manifatturi jew lir-rappreżentanti awtorizzati. Madankollu, l-Istati Membri huma mitluba jevitaw li jdaħħlu kwalunkwe *data* personali u jiffavorixxu dettalji ta' kuntatt mhux personali bħal indirizzi tal-posta elettronika ġeneriċi.

— l-indirizz ta' kuntatt tal-operaturi ekonomiċi.

(ii) Meta jkunu ġew inklużi b'mod aċċessorju f'dokumenti oħra bħal rapporti tat-testijiet, l-ismijiet tal-persuni li jkunu wettqu t-testijiet fuq prodotti perikoluż u/jew awtentikaw ir-rapporti tat-testijiet.

3.2. **Forniment ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data***

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 15 u 16 u kwalunkwe komunikazzjoni skont l-Artikoli 17 sa 24 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725 f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi. Il-Kummissjoni għandha tieħu wkoll miżuri xierqa biex tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali jipprovdu kull informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 u kull komunikazzjoni skont l-Artikoli 19 sa 26 u 37 tar-Regolament (UE) 2016/679 f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi dwar id-*data* li ġejja:

— *data* relatata mal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate";

— *data* relatata mal-awturi u l-validaturi tan-notifiki u r-reazzjonijiet.

L-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" għandhom jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom permezz tal-Istqarrija ta' Privatezza disponibbli fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jipprovdu kull informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 u kull komunikazzjoni skont l-Artikoli 19 sa 26 u 37 tar-Regolament (UE) 2016/679 f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi dwar id-*data* li ġejja:

— informazzjoni dwar persuni ġuridiċi li jidentifikaw persuna fiżika;

— l-ismijiet u *data* oħra ta' persuni li jkunu wettqu t-testijiet fuq prodotti perikoluż u/jew awtentikaw ir-rapporti tat-testijiet.

L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub, inkluż elettronikament.

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jużaw il-mudell għal stqarrija ta' privatezza pprovduta mill-Kummissjoni meta jikkonformaw mal-obbligi tagħhom dwar is-suġġetti tad-*data*.

3.3. **It-trattament tat-talbiet tas-suġġetti tad-*data***

Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-Kummissjoni jew fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali li qed jaġixxu bħala Kontrolluri Konġunti.

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jittrattaw it-talbiet tas-suġġetti tad-*data* skont il-proċedura stabbilita mill-Kontrolluri Konġunti għal dan l-għan. Il-proċedura dettaljata għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* hija spjegata fl-istqarrija ta' privatezza.

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jikkooperaw u, meta jintalbu jagħmlu hekk, jassistu lil xulxin b'mod rapidu u effiċjenti fit-trattament ta' kwalunkwe talba tas-suġġett tad-*data*.

Jekk Kontrollur Konġunt wieħed jirċievi talba mingħand suġġett tad-*data*, li ma taqax fir-responsabbiltà tiegħu, dak il-Kontrollur Konġunt għandu jibgħat it-talba minnufih, u mhux aktar tard minn sebat ijiem kalendarji minn meta jirċeviha, lill-Kontrollur Konġunt attwalment responsabbli għal dik it-talba. Il-Kontrollur Konġunt responsabbli għandu jibgħat konferma tar-riċevuta lis-suġġett tad-*data* fi żmien tlett ijiem kalendarji oħra, filwaqt li fl-istess ħin jinforma b'dan lill-Kontrollur Konġunt, li jkun irċieva t-talba fl-ewwel lok.

Bi tweġiba għal talba ta' suġġett tad-*data* għall-aċċess għal *data* personali, l-ebda Kontrollur Konġunt ma għandu jiżvela jew inkella jagħmel disponibbli xi *data* personali pproċessata b'mod konġunt mingħajr ma l-ewwel jikkonsulta lill-Kontrollur Konġunt rilevanti l-ieħor.

4. RESPONSABBILTAJIET U RWOLI OĦRA TAL-KONTROLLURI KONĠUNTI

4.1. **Sigurtà tal-ipproċessar**

Kull Kontrollur Konġunt għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex:

(a) jiżgura u jipproteġi s-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data* personali pproċessata b'mod konġunt, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 ([2]) u l-att legali rilevanti tal-Istat Membru tal-UE/pajjiż tal-EFTA/ŻEE, rispettivament;

(b) jipproteġi kontra kull aċċess, ipproċessar, telf, użu, żvelar jew akkwist mhux awtorizzati jew illegali ta' xi *data* personali fil-pussess tiegħu;

(c) ma jiżvelax id-*data* personali u ma jippermettix l-aċċess għaliha, lil xi ħadd għajr ir-riċevituri jew il-proċessuri li jkun sar qbil fuqhom minn qabel.

Kull Kontrollur Konġunt għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżgura s-sigurtà tal-ipproċessar skont l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament.

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jipprovdu assistenza rapida u effiċjenti lil xulxin f'każ ta' inċidenti ta' sigurtà, inkluż ksur ta' *data* personali.

4.2. **Immaniġġjar ta' inċidenti ta' sigurtà, inkluż il-ksur ta' *data* personali**

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jittrattaw l-inċidenti ta' sigurtà, inkluż il-ksur ta' *data* personali, f'konformità mal-proċeduri interni tagħhom u mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom b'mod partikolari jassistu lil xulxin b'mod rapidu u effiċjenti kif meħtieġ biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni u t-trattament ta' kwalunkwe inċident ta' sigurtà, inkluż ksur ta' *data* personali, marbut mal-operazzjoni ta' pproċessar konġunt.

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jinnotifikaw lil xulxin b'dan li ġej:

(a) kwalunkwe riskju potenzjali jew attwali għad-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità u/jew l-integrità tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata b'mod konġunt;

(b) kull inċident ta' sigurtà li jkun marbut mal-operazzjoni ta' pproċessar konġunt;

(c) kull ksur ta' *data* personali (jiġifieri kwalunkwe ksur tas-sigurtà li jwassal għall-qerda, telf, alterazzjoni, żvelar mhux awtorizzat ta' *data* personali, jew aċċess aċċidentali jew illegali għal tali *data*, li tkun qed tiġi pproċessata b'mod konġunt), il-konsegwenzi probabbli tal-ksur ta' *data* personali, il-valutazzjoni tar-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, u kwalunkwe miżura meħuda biex jiġi indirizzat il-ksur ta' *data* personali u jiġi mmitigat ir-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi;

(d) kull ksur tas-salvagwardji tekniċi u/jew organizzattivi tal-operazzjoni ta' pproċessar konġunt.

Kull Kontrollur Konġunt għandu jkun responsabbli għall-inċidenti kollha tas-sigurtà, inkluż il-ksur ta' *data* personali, li jseħħu bħala riżultat tal-ksur tal-obbligi ta' dak il-Kontrollur Konġunt skont dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ir-Regolament (UE) 2018/1725 u r-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament.

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jiddokumentaw l-inċidenti ta' sigurtà (inkluż il-ksur ta' *data* personali) u jinnotifikaw lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 48 siegħa wara li jsiru konxji ta' inċident ta' sigurtà (inkluż il-ksur ta' *data* personali).

Il-Kontrollur Konġunt responsabbli għal ksur ta' *data* personali għandu jiddokumenta dak il-ksur ta' *data* personali u jinnotifikah lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew lill-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti. Dan għandu jagħmlu mingħajr dewmien żejjed u, fejn fattibbli, mhux aktar tard minn 72 siegħa wara li jkun sar konxju tal-ksur ta' *data* personali, sakemm il-ksur ta' *data* personali x'aktarx li ma jirriżultax f'riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi. Il-Kontrollur Konġunt responsabbli għandu jinforma lill-Kontrollur Konġunti l-ieħor b'tali notifika.

Il-Kontrollur Konġunt responsabbli għall-ksur ta' *data* personali, għandu jikkomunika dan il-ksur ta' *data* personali lis-suġġetti tad-*data* kkonċernati jekk il-ksur ta' *data* personali x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi. Il-Kontrollur Konġunt responsabbli għandu jinforma lill-Kontrollur Konġunt l-ieħor b'tali komunikazzjoni.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/46/oj).

4.3. **Lokalizzazzjoni ta' *data* personali**

Id-*data* personali miġbura għall-fini tal-proċess ta' notifika permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" għandha tinħażen u tinġabar fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" sabiex jiġi żgurat li l-aċċess għall-applikazzjoni jkun limitat biss għal persuni identifikati b'mod ċar u b'hekk li d-*data* maħżuna fl-applikazzjoni tkun protetta sew.

Id-*data* personali miġbura għall-fini tal-operazzjoni ta' pproċessar għandha tiġi pproċessata biss fit-territorju tal-UE/ŻEE u ma għandhiex titlaq minn dak it-territorju, sakemm ma tkunx f'konformità mal-Artikoli 45, 46 jew 49 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew mal-Artikoli 47, 48 jew 50 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2023/988, il-Kummissjoni tista' tipprovdi lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali informazzjoni magħżula mis-Sistema tat-Twissija Rapida "Safety Gate" u tirċievi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tal-prodotti u dwar miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi meħuda minn dawk il-pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Kull skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2023/988 għandu, sa fejn jinvolvi *data* personali, jitwettaq f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

4.4. Riċevituri tad-*data* personali

L-aċċess għad-*data* personali għandu jingħata biss lill-persunal awtorizzat u lill-kuntratturi tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali għall-finijiet tal-amministrazzjoni u t-tħaddim tas-sistema Sistema tat-Twissija Rapida "Safety Gate". Dan l-aċċess għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti tal-identità u l-password kif ġej:

— Is-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" għandha tkun miftuħa biss għall-Kummissjoni u għall-utenti maħtura speċifikament mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-UE u mill-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, kif ukoll għall-awtoritajiet tar-Renju Unit fir-rigward tal-utenti tal-Irlanda ta' Fuq.

— L-aċċess għad-*data* personali miġbura dwar is-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" għandu jingħata biss lill-utenti nominati u awtorizzati tal-applikazzjoni li jkollhom Id tal-Utent/Password. L-aċċess għall-applikazzjoni u l-għoti ta' password għandhom ikunu possibbli biss jekk dan jintalab mill-awtorità nazzjonali kompetenti taħt is-superviżjoni ġenerali tat-tim tas-Safety Gate tal-Kummissjoni.

— L-aċċess għad-*data* personali miġbura għandu jiġi pprovdut lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli għat-twettiq ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar u lill-persuni awtorizzati skont il-prinċipju tal-"ħtieġa ta' tagħrif". Tali persunal għandu jirrispetta ftehimiet statutorji, u, fejn meħtieġ, ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

Il-persuni li għandu jkollhom aċċess għad-*data* personali miġbura huma:

(a) il-persunal u l-kuntratturi tal-Kummissjoni;

(b) il-punti ta' kuntatt u l-ispetturi identifikati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE kif ukoll l-awtoritajiet tar-Renju Unit fir-rigward tal-utenti tal-Irlanda ta' Fuq;

(c) spetturi identifikati mill-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE.

Il-persuni li għandu jkollhom aċċess għad-*data* personali kollha miġbura u li għandu jkollhom il-possibbiltà li jimmodifikawha fuq talba huma:

(a) il-membri tat-Tim tas-Safety Gate tal-Kummissjoni;

(b) il-membri tal-Helpdesk tas-Safety Gate tal-Kummissjoni.

Lista tal-punti ta' kuntatt kollha tas-Safety Gate, li jkun fiha d-dettalji ta' kuntatt tagħhom (kunjom, isem, isem l-awtorità, indirizz tal-awtorità, telefown, indirizza tal-posta elettronika) għandha tkun disponibbli fuq il-Portal tas-Safety Gate ([3]). Il-ġestjoni tal-utenti fil-livell nazzjonali għandha tkun ikkontrollata mill-punti ta' kuntatt nazzjonali tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate".

([3]) https://ec.europa.eu/safety-gate/#/screen/pages/contacts.

L-utenti kollha għandu jkollhom aċċess għall-kontenut tan-notifiki bi status "KE vvalidat". L-utenti nazzjonali tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" biss għandu jkollhom aċċess għall-abbozz tan-notifiki tagħhom (qabel jiġu ppreżentati lill-KE). Il-persunal tal-Kummissjoni u l-persuni awtorizzati għandu jkollhom aċċess għan-notifiki bi status "ippreżentati lill-KE".

Kull Kontrollur Konġunt għandu jinforma lill-Kontrolluri Konġunti l-oħra kollha dwar kull trasferiment ta' *data* personali lir-riċevituri f'pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

5. RESPONSABBILTAJIET SPEĊIFIĊI TAL-KONTROLLURI KONĠUNTI

Il-Kummissjoni għandha tiżgura u tkun responsabbli għal dan li ġej:

(a) id-deċiżjoni dwar il-mezzi, ir-rekwiżiti u l-finijiet tal-ipproċessar;

(b) ir-reġistrazzjoni tal-operazzjoni ta' pproċessar;

(c) l-iffaċilitar tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*;

(d) it-trattament tat-talbiet tas-suġġetti tad-*data*;

(e) id-deċiżjoni li tiġi ristretta l-applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* jew id-deroga minnhom, fejn ikun meħtieġ u proporzjonat;

(f) l-iżgurar tal-privatezza skont id-disinn u l-privatezza prestabbilita;

(g) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-legalità, tan-neċessità u tal-proporzjonalità tat-trażmissjonijiet u tat-trasferimenti ta' *data* personali;

(h) it-twettiq ta' konsultazzjoni minn qabel mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, fejn meħtieġ;

(i) l-iżgurar li l-persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew li jkunu taħt obbligu statutorju xieraq ta' kunfidenzjalità;

(j) il-kooperazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, fuq talba, fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

L-Istati Membri għandhom iwettqu u jkunu responsabbli għal dan li ġej:

(a) ir-reġistrazzjoni tal-operazzjoni ta' pproċessar;

(b) l-iżgurar li d-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata tkun adegwata, akkurata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-fini;

(c) l-iżgurar ta' informazzjoni u komunikazzjoni trasparenti lis-suġġetti tad-*data* dwar id-drittijiet tagħhom;

(d) l-iffaċilitar tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*;

(e) l-użu esklussiv ta' proċessuri li jipprovdu garanziji suffiċjenti biex il-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa jiġu implimentati b'tali mod li l-ipproċessar jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/679 u jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*;

(f) ir-regolazzjoni tal-ipproċessar tal-proċessur permezz ta' kuntratt jew att legali skont il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2016/679;

(g) it-twettiq ta' konsultazzjoni minn qabel mal-awtorità superviżorja nazzjonali, fejn meħtieġ;

(h) l-iżgurar li l-persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew li jkunu taħt obbligu statutorju xieraq ta' kunfidenzjalità;

(i) il-kooperazzjoni mal-awtorità superviżorja nazzjonali fuq talba, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

6. TUL TA' ŻMIEN TAL-IPPROĊESSAR

Il-Kontrolluri Konġunti ma għandhomx iżommu jew jipproċessaw *data* personali għal aktar żmien milli jkun meħtieġ biex iwettqu l-finijiet u l-obbligi miftiehma kif stabbilit f'dan ir-Regolament, jiġifieri għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-ġbir jew tal-ipproċessar ulterjuri. B'mod partikolari:

(a) Id-dettalji ta' kuntatt tal-utenti tas-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate" għandhom jinżammu fis-sistema sakemm ikunu utenti. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom jitħassru mis-Sistema ta' Twissija "Safety Gate" immedjatament wara li tasal l-informazzjoni li ċerta persuna ma għadhiex utent tas-sistema.

(b) Id-dettalji ta' kuntatt tal-ispetturi mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u tal-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE, kif ukoll mill-ispetturi mill-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni, ipprovduti fin-notifiki u fir-reazzjonijiet, għandhom jinżammu fis-sistema għal perjodu ta' ħames snin wara l-validazzjoni tan-notifika jew tar-reazzjoni.

(c) Id-*data* personali ta' persuni fiżiċi oħra possibbilment inkluża fis-sistema għandha tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni għal 30 sena mill-mument li tiddaħħal l-informazzjoni fis-Sistema ta' Twissija Rapida "Safety Gate", li tikkorrispondi maċ-ċiklu tal-ħajja massimu stmat ta' kategoriji ta' prodotti bħal apparati elettriċi jew vetturi bil-mutur.

Talbiet leġittimi mis-suġġetti tad-*data* biex id-*data* tagħhom tiġi mblukkata, aġġustata jew imħassra għandhom jiġu osservati mill-Kummissjoni fi żmien xahar minn meta tasal it-talba.

7. RESPONSABBILTÀ GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għan-nuqqas ta' konformità skont il-Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2018/1725.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE għandhom ikunu responsabbli għan-nuqqas ta' konformità skont il-Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2016/679.

8. KOOPERAZZJONI BEJN IL-KONTROLLURI KONĠUNTI

Kull Kontrollur Konġunt, meta jintalab jagħmel hekk, għandu jipprovdi assistenza rapida u effiċjenti lill-Kontrolluri Konġunti l-oħra fl-eżekuzzjoni ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha tar-Regolamenti (UE) 2018/1725 u (UE) 2016/679, rispettivament, u ma' regoli applikabbli oħra dwar il-protezzjoni tad-*data*.

9. SOLUZZJONI TA' TILWIMIET

Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jagħmlu ħilithom biex isolvu b'mod amikevoli kwalunkwe tilwima li tinqala' jew li tkun relatata mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Jekk f'xi ħin tinqala' kwistjoni, tilwima jew differenza bejn il-Kontrolluri Konġunti, fir-rigward ta' dan ir-Regolament, jew b'rabta miegħu, il-Kontrolluri Konġunti għandhom jagħmlu kull sforz biex isolvuha permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni.

Il-preferenza hija li t-tilwim kollu jiġi solvut fil-livell operazzjonali hekk kif jinqala', u li jiġi solvut mill-punti ta' kuntatt imsemmija fil-punt 10 ta' dan l-Anness u elenkati fil-Portal tas-Safety Gate.

L-għan tal-konsultazzjoni għandu jkun li tirrieżamina u taqbel sa fejn ikun prattikabbli dwar l-azzjoni meħuda biex tissolva l-problema. Il-Kontrolluri Konġunti għandhom jinnegozjaw ma' xulxin *in bona fede* għal dak l-għan. Kull Kontrollur Konġunt għandu jwieġeb għal talba għal soluzzjoni amikevoli fi żmien sebat ijiem tax-xogħol wara li jkun irċieva din it-talba. Il-perjodu biex tintlaħaq soluzzjoni amikevoli għandu jkun ta' 30 jum tax-xogħol mid-data meta tasal it-talba.

Jekk it-tilwima ma tkunx tista' tiġi solvuta amikevolment, kull Kontrollur Konġunt jista' jirreferi għal medjazzjoni jew/u proċedimenti ġudizzjarji bil-mod li ġej:

(a) f'każ ta' medjazzjoni, il-Kontrolluri Konġunti għandhom jaħtru b'mod konġunt medjatur aċċettabbli minn kull wieħed minnhom, li jkun responsabbli biex jiffaċilita r-riżoluzzjoni tat-tilwima fi żmien xahrejn mir-riferiment tat-tilwima lilu;

(b) fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 272 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

10. PUNTI TA' KUNTATT GĦALL-KOOPERAZZJONI BEJN IL-KONTROLLURI KONĠUNTI

Kull Kontrollur Konġunt jinnomina punt uniku ta' kuntatt, li Kontrolluri Konġunti oħra għandhom jikkuntattjaw fir-rigward ta' mistoqsijiet, ilmenti u għoti ta' informazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Lista dettaljata tal-punti ta' kuntatt kollha nnominati mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, li jkun fiha d-dettalji ta' kuntatt tagħhom (kunjom, isem, isem tal-awtorità, indirizz tal-awtorità, telefown, faks, indirizz tal-posta elettronika) għandha tkun disponibbli fuq il-Portal tas-Safety Gate.